**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 8 ta' Awwissu 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**vs**

**Ahmed Ibrahim Abdallah**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: Ahmed Ibrahim Abdallah, ta' 30 sena, Nazzjonalita Sudan, iben Ibrahim u Tomija, imwieled Buktaoum Kutym - Sudan nhar it- 02 ta' Frar, 1994, prezentament bla residenza fissa, u detentur ta' Numru tal-Pulizija 19BB-048;**

**Akkużat talli**: ***fis-07 ta' Awwissu, 2024 u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;***

1. *Kellhu f'idu Passaport maħruġ minn awtorià kompetenti, jew li, ittrasferixxa dan il-passaport lil persuna oħra jew irċieva passaport li ġie ittrasferit lilhu minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);*

2. *U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamle użu jew ittantat li jagħmlu użu minn Passaport maħruġ lil persuna oħra; (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);*

3. *U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi taht prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta)*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

**Rat id-dokumenti esebiti** fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok LB 6), *current incident report* (Dok LB 8), l-istqarrija tal-imputat (Dok LB 2) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tagħtu żmien biex jerġa jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu u jerga jikkonsulta ruħhu mal-avukat.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat għar-reati addebitati lilu fejn issuġġerew lil Qorti piena ta' sitt xhur priġunerija.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati skond il-Liġi.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-fedina penali tiegħu, l-ammissjoni bikrija tiegħu, iċ-ċirkostanzi li wasslu għar-rejat u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom. Il-Qorti hi tal-fehemha li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ piena karċerarja effettiva hija piena idoneja.

***DECIDE***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **AHMED IBRAHIM ABDALLAH** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah **għal piena kumplessiva ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva.**

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiż-żmien pprovdut mill-Ligi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**8 ta' Awwissu 2024**